# Rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar il-konsulenza fuq l-għażliet riproduttivi

Dawn il-linji gwida ġew mfassla mill-aħjar evidenza disponibbli u mill-kunsens ta' esperti f'dan il-qasam, u jiġu aġġornati regolarment biex jirriflettu bidliet fl-evidenza.

L-aspettattiva hija li l-kliniċi jsegwu dan il-linji gwida sakemm ma jkunx hemm raġuni klinika qawwija biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' ġestjoni differenti, speċifiċi għall-pazjent individwali.

European Reference Network
for rare or low prevalence complex diseases

Network
Genetic Tumour Risk Syndromes (ERN GENTURIS)

www.genturis.eu

**Rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar il-konsulenza fuq l-għażliet riproduttivi**

Ir-rakkomandazzjonijiet f'dawn il-linji gwida huma maqsuma f'erba' taqsimiet: 1. Teħid ta' deċiżjonijiet riproduttivi – il-kontenut u l-qafas tal-konsulenza riproduttiva, 2. Il-ħin tal-provvista tal-konsulenza riproduttiva, 3. Il-preżentazzjoni tal-għażliet riproduttivi, 4. Il-firxa tat-teknoloġiji riproduttivi assistiti.

| Teħid ta' deċiżjonijiet riproduttivi – kontenut u qafas tal-konsulenza riproduttiva | Rakkomandazzjoni | Saħħa* |
|---|---|---|
| Il-konsulenza riproduttiva għandha tiġi offruta lil kull individwu b'sindromu ta' predispożizzjoni għall-kanċer\\ u lill-membri tal-familja rilevanti.** | 1,2, 11 | Qawwija (1,2), moderata (11) |
| Il-koppji għandhom ikollhom aċċess għal tim multidixxiplinari ta' esperti fil-kura tas-saħħa. | 6, 13 | Qawwija |
| **Ħin tal-provvista tal-konsulenza riproduttiva** | | |
| Il-konsulenza riproduttiva għandha tiġi offruta b'mod kontinwu, b'diversi opportunitajiet matul il-ħajja, idealment tibda qabel il-pjanifikazzjoni tal-familja. | 7, 8 | Qawwija |
| It-tfal f'riskju għandhom jingħataw konsulenza ladarba jilħqu l-età adulta, jew qabel jekk xieraq. | 10 | Moderata |
| **Preżentazzjoni tal-għażliet riproduttivi** | | |
| Il-konsulenza riproduttiva għandha tipprovdi opportunitajiet ta' segwitu u aċċess għal appoġġ psikoloġiku. | 12, 13 | Moderata (12), qawwija(13) |
| **Firxa ta' teknoloġiji riproduttivi assistiti** | | |
| L-għażliet għall-preservazzjoni tal-fertilità għandhom jiġu inklużi fil-konsulenza riproduttiva. | 15, 16 | Qawwija (15), moderata (16) |

* Din il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq artikli ppubblikati u fuq il-kunsens ta' esperti: qawwija – kunsens ta' esperti U evidenza konsistenti, moderata – kunsens ta' esperti B'EVIDENZA inkonsistenti U/JEW evidenza ġdida li x'aktarx tappoġġa r-rakkomandazzjoni, dgħajfa – deċiżjoni tal-maġġoranza tal-esperti MINGĦAJR evidenza konsistenti.

** Il-konsulenza hija partikolarment rilevanti fl-età riproduttiva iżda tista' tkun rilevanti wkoll f'gruppi ta' età oħra, bħall-adolexxenti u individwi anzjani li jkunu qed jinformaw lill-qraba tagħhom.